

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 7(1) moqri flimkien mal-Artikolu 65(1)(ċ) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Awwissu 2023 – Bartex Bartol vs EUIPO – Grupa Chorten (duch puszczy)

(Kawża T-473/23)

(2023/C 329/57)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Bartex Bartol sp. z o.o sp. k. (Nowy Tomyśl, il-Polonja) (rappreżentant: A. Gierczak, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Grupa Chorten (Białystok, il-Polonja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “duch puszczy” – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 15 668 213

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' kanċellazzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-17 ta' Mejju 2023 fil-Każ R 1450/2022-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż tal-kawża u rimbors tal-ispejjeż tar-rikorrenti.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 59(1)(a) flimkien mal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 59(1)(a) flimkien mal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 95(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tal-Artikolu 54(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bordijiet tal-Appell;
- Ksur tal-Artikolu 95(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill flimkien mal-Artikolu 52 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bordijiet tal-Appell u mal-Artikolu 16(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625;

— Ksur tal-Artikolu 16(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625 u tal-Artikolu 52 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bordijiet tal-Appell.

Rikors ippreżentat fis-28 ta' Lulju 2023 – Sparkasse Essen vs SRB

(Kawża T-474/23)

(2023/C 329/58)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Sparkasse Essen (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: F. Kruis u N. Bartmann, avukati)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni tat-2 ta' Mejju 2023 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-2023 (SRB/ES/2023/23), inklużi l-annessi, sa fejn jikkonċernaw lir-rikorrenti, u
- tikkundanna lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-ispejjeż tal-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors huwa bbażat fuq tmien motivi, identiċi għal dawk invokati fil-Kawża T-410/23, BAWAG PSK vs SRB.

Rikors ippreżentat fis-28 ta' Lulju 2023 – Sparkasse KölnBonn vs SRB

(Kawża T-475/23)

(2023/C 329/59)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Sparkasse KölnBonn (Köln, il-Ġermanja) (rappreżentanti: F. Kruis u N. Bartmann, avukati)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni tat-2 ta' Mejju 2023 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-2023 (SRB/ES/2023/23), inklużi l-annessi, sa fejn jikkonċernaw lir-rikorrenti, u
- tikkundanna lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-ispejjeż tal-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors huwa bbażat fuq tmien motivi, identiċi għal dawk invokati fil-Kawża T-410/23, BAWAG PSK vs SRB.
